# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2002**

**Numru 4**

**Avviz. numru 477/98mm**

**Maria Scerri**

**vs**

**Juanito Pullicino u b'digriet tat-18 ta' Mejju 1999 gew mizjuda l-kliem "John k/a" qabel il-kliem Juanito Pullicino**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fl-10 ta' Marzu,1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jirritorna sufan antik tal-kewkba, proprjeta' tal-attrici, li huwa ghandu fil-pussess tieghu b'mod abusiv minghajr ebda dritt legali, u dan fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tiffissa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur tas-sufan ma jeccedix il-hames mitt lira.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa:

1. Preliminarjament illi l-isem tal-konvenut huwa "John" ghalkemm maghruf ukoll "Juanito" u ghalhekk ghandha l-ewwel issir korrezzjoni f'din ir-rigward sabiex l-atti jkunu in regola;

2. Illi l-konvenut ma jippossjedi l-ebda sufan proprjeta' tal-attrici billi huwa ghandu zewg sufani wiehed li wiret minghand missieru u iehor li kien gie lilu moghti bhala rigal minn zijuh Paul Pullicino oltre disa snin ilu fi stat hazin hafna u li in segwitu l-konvenut kien irriparah; u f'kull kaz l-azzjoni tal-attrici hija preskritta skond il-ligi a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili;

3. Illi l-konvenut ma jippossjedix ebda sufan b'mod abbusiv jew minghajr ebda dritt legali u ghalhekk m'ghandhux jigi ordnat minn din il-Qorti jirritornah lill-attrici u m'ghandhux ibati ebda spejjez tal-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut, il-Qorti ser tghaddi l-ewwel biex tikkonsidra l-meritu ta' din il-kawza.

L-attrici xehdet illi xtrat dan is-sufan erba u hamsin (54) sena ilu. Kien wiehed tal-kewkba antik miksi bil-gild. Originarjament hija kienet toqghod mal-familja taghha fil-fond 28 Monsinjur Catania Street, il-Gharghur li mieghu kellu wkoll il-fond bin-numru 12. Meta saret il-qasma bejn l-ahwa, l-fond numru 12 mess lil tlett (3) hutha, Joseph, Pawlu u John Pullicino. Peress illi dak li mess lilha kien wiehed zghir u kellha xi problemi biex tiddesponi mill-ghamara li kellha, kienet talbet lil huha Joseph li jzomm is-sufan f'kamra fil-fond numru 12 u dan kien accetta. Huha Joseph miet fil-1990 u l-kamra messet lill-attrici u lil huha Pawlu li huwa missier il-konvenut.

Il-konvenut John izzewweg xi tlett snin ilu u mar ighix f'parti minn dan il-fond 12 Triq Monsinjur Catania,Gharghur. Peress illi l-attrici kienet ko-proprjetarja tal-kamra fejn kien hemm is-sufan, baqghet tmur go fiha u tiftahha ghall-arja. Ghall-ahhar tal-1997 rat is-sufan fil-kuritur u qalet lill-mart il-konvenut sabiex tpoggi s-sufan fil-kamra fuq fejn kien originarjament. Hawnhekk mart il-konvenut qaltilha li dak is-sufan kien taghhom ghax taghhulhom iz-ziju Guzeppi qabel ma miet.

Victor Pullicino, hu l-attrici xehed illi jiftakar lill-attrici tixtri dan is-sufan u poggietu f'kamra fil-fond numru 12 li kien jappartjeni lil huhom Guzeppi. Carmel Scerri, iben l-attrici jiftakar dan is-sufan sew u jghid ukoll li fl-ahhar ra dan is-sufan miksi mill-gdid.

Fil-kors tal-provi gew esebiti zewg ritratti, taz-zewg sufanijiet illi qieghdin fil-pussess tal-konvenut. Hemm ritratt a fol 27 u hemm ritratt iehor illi gie esebit fl-ahhar seduta. S-sufan li hemm esebit a fol 27 hemm ritratt iehor tieghu a fol 48 illi jidher it-tifel tal-konvenut ftit wara li twieled. Meta dawn ir-ritratti gew morija lill-attrici, dina m'gharfithomx bhala s-sufan meritu ta' din il-kawza. Interessanti illi a fol 31 l-attrici tghid kategorikament illi mhijiex qed taghraf dan is-sufan, pero' li kieku kellha tara dan is-sufan taghha llum, dina kienet taghrfu.

Fuq l-iskorta ta' din ic-certezza, sar access mill-partijiet fil-prezenza ta' l-avukati fil-fond tal-konvenut. Ir-rizultat ta' dan l-access huwa ripurtat fil-verbal a fol 36 fejn inghad illi l-attrici accediet fil-fond tal-konvenut u ma identifikatx is-sufan bhala l-istess wiehed illi hija qed tirreklama f'din il-kawza. Binha Carmel li kien maghha dak il-hin, ukoll wasal ghal l-istess konkluzzjoni u qal li mhux qed jaghraf dak is-sufan bhala l-istess wiehed illi kellhom originarjament.

Il-konvenut qal li huwa ghandu biss zewg sufanijiet u esebixxa r-ritratti taghhom. It-tifel tieghu twieled fit-3 ta' Mejju 1995 u fir-ritratt a fol 27 kellu sena. Jghid illi s-sufan kien taghhulu z-ziju qabel ma miet fil-1990 u issewwa fin-1994. Fir-ritratt a fol 48

jidher it-tifel tieghu ftit wara li twieled u qieghed fuq l-istess sufan illi jidher fir-ritratt a fol 27.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-kwistjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut, il-Qorti difficli tifhem kif tista tilqa' t-talba attrici meta l-oggett meritu tal-kawza ma giex identifikat. L-attrici qalet li rat dan is-sufan fil-kuritur fl-ahhar tal-1997, pero', jekk dana huwa l-istess sufan li qieghdin nitkellmu dwaru, dan is-sufan kien ilu tappezzat mill-gdid mill-inqas sa mill-1994. Ir-ritratt a fol 27 jaghti ndikazzjoni cara taz-zmien meta dan is-sufan setgha gie tappezzat mill-gdid, peress illi f'dan ir-ritratt jidher tfajjel ta' eta zghira illi jindika illi s-sufan kien ilu f'dik il-kondizzjoni ferm qabel ma qalet l-attrici. Apparti dan pero', l-attrici qalet illi, li kieku kellha tara s-sufan taghha llum, dina kienet taghrfu (fol 31). Dina hija dikjarazzjoni kategorika u ta' min joqghod fuqha, pero' meta accediet fil-fond tal-konvenut, fejn allura kellha l-opportunita' tara kull sufan li kien hemmhekk, dina ma kienetx f'posizzjoni li tidentifika s-sufan meritu ta' din il-kawza. Jista jkun illi dan is-sufan qieghed band'ohra, pero' dana ma giex ippruvat u l-Qorti ma tista tassumi xejn. Tajjeb jew hazin ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn l-attrici ma rnexxilhiex tipprova fejn qieghed l-oggett meritu tal-kawza u ghalhekk il-Qorti ma tistax tordna li dan l-oggett jigi ritornat la darba mhuwiex identifikat.

Filwaqt li l-konvenut jammetti li zijuh Guzeppi kien tah is-sufan, liema sufan gie tapezzat mill-gdid u huwa dak is-sufan li jidher a fol 27 tal-process, l-attrici minn nahha l-ohra ma kienetx

f'posizzjoni tidentifika dan is-sufan bhala dak illi riedet lura. Ghalhekk il-Qorti ma tista tordnalu xejn lill-konvenut, anke jekk huwa minnu illi dak is-sufan huwa fil-fatt taghha, il-ghaliex l-istess attrici ma kienetx f'posizzjoni tiddikjara illi dak is-sufan huwa proprjeta' taghha. Veru illi fil-kors taz-zmien, is-sufan setgha biddel l-ghamla tieghu peress illi originarjament kien tal-gilda u issa gie tad-drapp, pero' mehud in konsiderazzjoni c-certezza tal-attrici bid-dikjarazzjoni taghha a fol 31 illi kieku tarah illum, dan is-sufan ser taghrfu, u la darba hi ma gharfitx dan is-sufan meta kienet qed tarah fisikament waqt l-access illi sar fil-fond tal-konvenut, il-Qorti ma tistax tghid allura li l-attrici ppruvat il-kaz taghha, la l-aktar haga mportanti u cioe' l-oggett tal-kawza ma giex identifikat minnha. La l-attrici ma kienetx f'posizzjoni li taghmel dan, wisq anqas il-Qorti li m'ghandhiex il-konoxxenza li suppost kellu jkollha l-attrici f'din il-kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti ma thossx illi l-attrici ppruvat il-kaz taghha, u ghalhekk l-istanza taghha ma tistax ikollha success.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit

Dep Reg